

Emenda 2

Doru-Claudian Frunzuliță, Victor Boștinăru
fisem il-Grupp S&D

Rapport

A8-0147/2019

Doru-Claudian Frunzuliță

Ftehim Qafas Istituzzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera
(2018/2262(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

K. billi l-Iżvizzera u l-UE ffirmaw Ftehim ġdid dwar it-Taxxa u l-Introjtu mit-Tfaddil fis-27 ta' Mejju 2015, li jirrikjedi li ż-żewġ partijiet iwettqu skambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEI) dwar il-kontijiet finanzjarji tar-residenti ta' xulxin minn Settembru 2018; billi l-UE elenkat lill-Iżvizzera *bħala "ġurisdizzjonijiet mhux kooperattivi għal skopijiet ta' taxxa" f'Diċembru 2017;*

K. billi l-Iżvizzera u l-UE ffirmaw Ftehim ġdid dwar it-Taxxa u l-Introjtu mit-Tfaddil fis-27 ta' Mejju 2015, li jirrikjedi li ż-żewġ partijiet iwettqu skambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEI) dwar il-kontijiet finanzjarji tar-residenti ta' xulxin minn Settembru 2018; billi l-UE elenkat lill-Iżvizzera *fl-Anness II għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 li jikkonċerna pajjiżi li ħadu l-impenn li jimplimentaw prinċipji ta' governanza tajba tat-taxxa biex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mat-trasparenza, it-tassazzjoni ġusta u miżuri kontra l-BEPS (erożjoni tal-bażi u trasferiment tal-profitt);*

Or. en